

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/369/PESK**

**tat-30 ta' Mejju 2007**

**dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan**

**(EUPOL AFGANISTAN)**

(ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/733/PESK tat-13 ta' Novembru 2007	L 295	31	14.11.2007
► <b>M2</b>	Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/229/PESK tas-17 ta' Marzu 2008	L 75	80	18.3.2008

**▼B****AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/369/PESK****tat-30 ta' Mejju 2007****dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea  
fl-Afganistan****(EUPOL AFGANISTAN)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 14 u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Novembru 2005, il-Kunsill qabel dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta “Nimpenjaw ruħna għal Sħubija ġdida UE-Afgana” li ddikjarat l-impenn ta' l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Gvern tar-Repubblika Islamika ta' l-Afganistan (il-Gvern ta' l-Afganistan) “għal Afganistan sigur, stabbli, ħieles, prosperu u demokratiku kif stabbilit fil-Kostituzzjoni Afgana adottata fl-4 ta' Jannar 2004 (14 Dalwa 1383). Iż-żewġ partijiet jixtiequ jaraw lill-Afganistan ikollu rwol sħiħ u attiv fil-komunità internazzjonali u jippenjaw ruħhom sabiex jibnu futur prosperu libru mit-theddid tat-terriżmu, l-estremiżmu u l-kriminalità organizzata”.
- (2) Fil-31 ta' Jannar 2006, tnieda l-Patt dwar l-Afganistan (London). Dan il-ftehim afferma l-impenn tal-Gvern ta' l-Afganistan u tal-komunità internazzjonali u stabbilixxa mekkaniżmu effikaċi għall-koordinazzjoni ta' l-isforzi Afgani u dawk internazzjonali matul il-ħames snin li ġejjin fil-ħidma lejn kondizzjonijiet fejn il-poplu Afgan jista' jgħix fil-paċi u s-sigurtà taħt l-istat tad-dritt, b'governanza tajba u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, u jista' jgawdi żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.
- (3) Il-Patt dwar l-Afganistan jappoġġa l-Istratēġija *interim* għall-Iżvilupp Nazzjonali (i-ANDS) tal-Gvern Afgan li tistabbilixxi l-viżjoni u l-prioritajiet ta' l-investiment tagħhom. L-i-ANDS tirrifletti proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali, filwaqt li ssaħħaħ il-livelli ta' referenza fil-Patt dwar l-Afganistan u l-miri stabbiliti fil-Miri ta' Żvilupp tal-Millenju ta' l-Afganistan.
- (4) Fit-13 ta' Ottubru 2006 ġie preżentat ir-rapport tal-Missjoni ta' Valutazzjoni Konġunta ta' l-UE lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), li kien fih analiżi tas-sitwazzjoni ta' l-istat tad-dritt fl-Afganistan kif ukoll rakkmandazzjonijiet għat-triq li trid tittieħed sabiex jissaħħaħ il-kontribut ta' l-UE għas-settur fl-Afganistan u sabiex jagħmel impatt strateġiku. Ir-Rapport tal-Missjoni ta' Valutazzjoni Konġunta rrakkomanda, fost oħrajn, li l-UE tista' tikkunsidra kontribut akbar bħala appoġġ għas-settur tal-pulizija permezz ta' missjoni tal-pulizija, u li tista' tintbagħħat lejn l-Afganistan missjoni esplorattiva sabiex tesplora aktar il-fattibbiltà ta' tali missjoni.
- (5) Kienet intbagħtet lejn l-Afganistan missjoni esplorattiva bejn is-27 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2006. Abbażi tal-konklużjonijiet tagħha tal-11 ta' Diċembru 2006, fit-12 ta' Frar 2007, il-Kunsill approva l-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżijiet (CMC) għal missjoni tal-pulizija ta' l-UE fl-Afganistan fil-qasam ta' l-ordni pubbliku b'rabit mal-qasam usa' ta' l-istat tad-dritt u qabel li l-missjoni tkun tipprovd valur miżjud. Il-missjoni ser taħdem sabiex tiġi żviluppata forza tal-pulizija Afgana b'appartenenza lokali, li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u topera fil-qafas ta' l-istat tad-dritt. Il-missjoni għandha tibni fuq l-isforzi attwali, u ssegwi approċċ komprensiv u strateġiku, b'mod konformi mas-CMC. B'hekk, il-missjoni għandha tindirizza kwistjonijiet dwar ir-riforma tal-pulizija fil-livelli ċentrali, reġjonali u provinċjali.

**▼B**

- (6) Fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti addotta r-Riżoluzzjoni 1746 (2007) dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni ta' Assista n-NU fl-Afganistan (UNAMA), li *inter alia* tilqa' d-deċiżjoni mill-UE li tistabbilixxi missjoni tal-pulizija fil-qasam ta' l-ordni pubbliku b'rabit mal-qasam usa' ta' l-istat tad-dritt u l-ġlied kontra n-narkotiċi, sabiex tassisti u ssaħħaħ l-isforzi attwali fil-qasam tar-riforma tal-pulizija fil-livelli ċentrali u provinċiali, u jistenna bil-ħerqa t-tnedja bikrija tal-missjoni.
- (7) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill approva l-Kunċett ta' Operazzjoni (CONOPS) għal missjoni tal-pulizija ta' l-UE fl-Afganistan (EUPOL AFGANISTAN) b'rabit mal-qasam usa' ta' l-istat tad-dritt.
- (8) F'ittra ta' stedina tas-16 ta' Mejju 2007 il-Gvern ta' l-Afganistan stieden lill-UE sabiex tniedi missjoni tal-pulizija ta' l-UE lejn l-Afganistan.
- (9) Il-missjoni tal-pulizija ta' l-UE ser tiġi stabilita fil-kuntest aktar wiesa' ta' l-isforz tal-komunità internazzjonali sabiex tappoġġa l-Gvern ta' l-Afganistan jassumi r-responsabbiltà għat-tishħiħ ta' l-istat tad-dritt, u partikolarmen, it-titjib tal-kapaċità tagħha tal-pulizija ċivili u l-infurzar tal-liġi. Ser tiġi żgurata koordinazzjoni mill-qrib bejn il-missjoni tal-pulizija ta' l-UE u atturi internazzjonali oħra jn involuti fl-assistenza dwar is-sigurtà, inkluża l-Forza ta' Assista n-ġas-Sigurtà Internazzjonali (ISAF), kif ukoll dawk li jagħtu appoġġ fir-rigward tar-riforma fil-pulizija u fl-istat tad-dritt fl-Afganistan.
- (10) Kif iddiċċiżi fil-CONOPS, u minħabba l-ħtieġa ta' impenn tangħibbi mill-UE għal riforma tal-pulizija, u r-rabta ma' l-ghaniċċi tal-Patt dwar l-Afganistan, it-tul ta' żmien minimu previst tal-missjoni għandu jkun ta' 3 snin. Minħabba l-imprevedibbli tas-sitwazzjoni u l-ħtieġa li jkun żgurat approċċ flessibbli, u skond il-kriterju ta' valutazzjoni stabilit fil-CONOPS u fl-OPLAN, id-daqs u l-ambitu tal-Missjoni għandhom ikunu suġġetti għal eżami mill-ġdid ta' kull sitt xħur.
- (11) Il-mandat tal-Missjoni ser jiġi implimentat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tkun ta' ħsara għall-għalli għal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

**Missjoni**

- L-Unjoni Ewropea b'dan tistabbilixxi Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan ("EUPOL AFGANISTAN" jew il- "Missjoni") għal perijodu ta' tliet snin, li tinkludi fażi ta' ppjanar li tibda fit-30 ta' Mejju 2007, u fażi operattiva li tibda mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2007.
- L-EUPOL AFGANISTAN għandha topera skond l-ghaniċċi stabiliti fl-Artikolu 3 u twettaq il-kompli stabbiliti fl-Artikolu 4.

*Artikolu 2*

**Fażi ta' Ppjana**

- Waqt il-fażi ta' ppjanar tal-Missjoni, il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn grupp ta' ppjanar li jikkonsisti mill-persunal meħtieġ sabiex jirrispondi għall-ħtiġiġiet preparattivi tal-Missjoni.

**▼B**

2. Il-Kap tal-Missjoni, assistit mill-grupp ta' ppjanar għandu jfassal il-Pjan Operattiv (OPLAN) u jiżviluppa l-strumenti tekniċi kollha meħtieġa sabiex tiġi esegwita l-EUPOL AFGANISTAN.
3. Għandha ssir stima kompreksiva tar-riskju bħala priorità fil-proċess ta' l-ippjanar u għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ, b'attenzjoni speċifika fuq ir-riskji ta' sigurtà assoċjati ma' l-aktivitajiet tal-Missjoni. L-OPLAN għandu jieħu kont ta' stimi tar-riskju aġġornati u għandu jinkludi pjan ta' sigurtà.
4. Waqt il-fażi ta' ppjanar, il-Kap tal-Missjoni għandu jaħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE (RSUE) għall-Afganistan, mal-Kummissjoni u l-Istati Membri attwalment involuti fir-riforma tal-pulizija fl-Afganistan.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jaħdem mill-qrib u jikkordina mal-Gvern ta' l-Afganistan u ma' l-atturi internazzjonali rilevanti, skond il-każ, inklużi n-NATO/ISAF, il-Pajjiżi Mexxejja tal-Grupp ta' Rikostruzjoni Provinċjali (PRT), in-NU (il-Missjoni ta' Assista tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA)), u l-Istati Terzi attwalment involuti fir-riforma tal-pulizija fl-Afganistan.
6. Il-Kunsill għandu japprova l-OPLAN.

*Artikolu 3***Għanijiet**

L-EUPOL AFGANISTAN għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istabbiliment, taħt appartenenza Afgana, ta' arranġamenti fil-qasam ta' l-ordni pubbliku ċivili li jkunu sostenibbi u effikaċi, li sejrin jiżguraw interazzjoni adegwata mas-sistema aktar wiesgħa tal-ġustizzja kriminali, skond il-pariri politiċi u l-ħidma fl-iżvilupp ta' istituzzjonijiet mill-Komunità, mill-Istati Membri u minn atturi internazzjonali oħrajn. Barra minn hekk il-Missjoni ser tappoġġa l-proċess ta' riforma għal servizz ta' pulizija ta' fiduċja u effiċjenti, li jaħdem b'mod konformi ma' *standards internazzjonali*, fl-ambitu ta' l-istat tad-dritt u li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem.

*Artikolu 4***Kompiti**

1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet stabiliti fl-Artikolu 3, l-EUPOL AFGANISTAN għandha:
  - (a) taħdem fuq l-iżvilupp strateġiku, filwaqt li tagħmel enfasi fuq il-ħidma lejn strateġija ġenerali konġunta tal-komunità internazzjonali għar-riforma tal-pulizija, b'kont meħud tal-Patt dwar l-Afganistan u l-i-ANDS;
  - (b) tappoġġa lill-Gvern ta' l-Afganistan sabiex jimplimenta b'mod koerenti l-istrateġja tagħhom;
  - (c) ittejjeb il-koeżjoni u l-koordinazzjoni fost l-atturi internazzjonali; u
  - (d) tappoġġa r-rabtiet bejn il-pulizija u l-qasam usa' ta' l-istat tad-dritt.

Dawn il-kompiti ser jiġu żviluppati ulterjorment fl-OPLAN.

2. L-EUPOL AFGANISTAN għandha tkun Missjoni mhux eżekutiva. Hija għandha twettaq il-kompiti tagħha permezz ta', fost oħrajn, monitoraġġ, konsulenza, għoti ta' pariri u taħriġ.
3. L-EUPOL AFGANISTAN għandha, skond il-każ, tikkordina, tiffaċilita u tagħti pariri dwar proġetti li jkunu implimentati mill-Istati Membri u minn Stati Terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom, floqsma relatati mal-Missjoni u b'appoġġ għall-għanijiet tagħha.

**▼B**

*Artikolu 5*

**Struttura tal-Missjoni**

1. Il-Missjoni ser ikollha l-Kwartieri Ġeneral (KG) tagħha f'Kabul u ser tikkonsisti minn:
  - (i) il-Kap tal-Missjoni,
  - (ii) Konsulenti tal-Persunal Ċentrali, inkluż Uffiċjal Anzjan għas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO),
  - (iii) Sezzjoni għat-Taħriġ,
  - (iv) Sezzjonijiet ta' Għoti ta' Pariri u Konsulenza,
  - (v) Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni.

Il-Missjoni ser tinkludi, skond il-każ, element ta' appoġġ fi Brussell.

2. Il-persunal tal-Missjoni għandu jiġi skjerat fil-livelli ċentrali, reġionali u provinċjali fid-dawl tal-valutazzjoni tas-sigurtà. Sejrin isiru arranġamenti tekniċi ma' l-ISAF u mal-Pajjiżi Mexxejja tal-Kmand Reġjonali/PRT għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-appoġġ mediku, ta' sigurtà u loġistiku inkluża l-akkomodazzjoni mill-Kmandi Reġjonali u l-PRTs.

**▼M1**

3. Barra minn hekk, għadd ta' membri tal-persunal tal-Missjoni sejrin ikunu skjerati sabiex tittejeb il-koordinazzjoni strateġika tar-riforma tal-pulizija fl-Afganistan, skond il-każ, u partikolarmas-Segretarjat tal-Bord Internazzjonali għall-Koordinazzjoni tal-Pulizija f'Kabul. Is-sit tas-Segretarjat IPCB għandu jkun, kif ikun xieraq, fil-KG ta' l-EUPOL AFGHANISTAN.

*Artikolu 5a*

**Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili**

1. Id-Direttur tal-Kapaċċa Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għall-EUPOL AFGHANISTAN.
2. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġeneralis tas-SG/RGH, għandu jeżerċita kmand u kontroll ta' l-EUPOL AFGHANISTAN fil-livell strateġiku.
3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implimentazzjoni xierqa u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll id-deċiżjoniċi tal-KPS, inkluż bil-ħruġ ta' istruzzjoni fuq livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni.
4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat mittenti jew ta' l-istituzzjoni ta' l-UE. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittraferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.
5. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġeneralis biex jiżgura li d-dmir ta' l-diliġenzo ta' l-UE jiġi attwat b'mod xieraq.
6. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u r-RSUE għandhom jikkon-sultaw lil-xulxin kif meħtieġ.

**▼B**

*Artikolu 6*

**Kap tal-Missjoni**

1. Il-Brigadier Ġeneral Friedrich Eichele huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' l-EUOPOL AFGHANISTAN.

**▼M1**

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-missjoni flivell ta' teatru.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif inkarigat mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, r-riżorsi u l-informazzjoni li qeqħdin għad-dispożizzjoni tal-missjoni.
4. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-missjoni, inkluż f'dan il-każ l-element ta' appoġġ fi Brussell, għat-twettiq effettiv ta' l-EU POL AFGHANISTAN f'teatru, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fuq livell strateġiku tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbi għall-implementazzjoni tal-bagħit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mall-Kummissjoni.
6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbi għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità nazzjonali jew ta' l-UE konċernata.
7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiarrappreżenta l-EU POL AFGHANISTAN fiż-żona ta' l-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-Missjoni.
8. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkordina, kif xieraq, ma' atturi ta' l-UE oħrajn fl-art. Mingħajr pregħidżju għall-linjal ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE.
9. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura li l-EU POL AFGHANISTAN jaħdem mill-qrib u jikkordina mal-Gvern ta' l-Afganistan u ma' l-atturi internazzjonali rilevanti, kif xieraq, inklużi n-NATO/ISAF, il-Pajjiżi Ewlenin tal-PRT, l-UNAMA, u l-Īstati Terzi attwalment involuti fir-riforma tal-pulizija fl-Afganistan.

**▼B***Artikolu 7***Persunal**

1. In-numri u l-kompetenzi tal-persunal ta' l-EU POL AFGHANISTAN għandhom ikunu konsistenti ma' l-ġhanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-kompli stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-istruttura tal-Missjoni stabbilita fl-Artikolu 5.
2. L-EU POL AFGHANISTAN għandha tikkonsisti primarjament minn persunal sekondat mill-Īstati Membri jew l-istituzzjonijiet ta' l-UE.
3. Kull Stat Membru jew istituzzjoni ta' l-UE għandhom jassumu l-ispejjeż relataji ma' kwalunkwe membru tal-persunal sekondat minnhom, inklużi l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-post ta' skjerament, is-salarji, il-kopertura medika, u l-allowances, barra l-per diems applikabbli kif ukoll l-allowances għax-xogħol iebes u għar-riskji.
4. L-EU POL AFGHANISTAN tista' wkoll tirrekluta persunal internazzjonali u persunal lokali fuq bażi kuntrattwali skond kif ikun meħtieġ.

**▼M1**

5. Il-persunal kollu għandu jwettaq id-dover tiegħu u jagħixxi fl-intress tal-Missjoni. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandardi minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. (¹).

(¹) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emmadata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/438/KE (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 24).

**▼B***Artikolu 8***Status tal-personal ta' l-EUPOL AFGANISTAN**

1. L-istatus tal-personal ta' l-EUPOL AFGANISTAN fl-Afganistan, inklużi fejn ikun il-każ il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament bla xkiel ta' l-EUPOL AFGANISTAN għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim li għandu jiġi konkluż skond l-Artikolu 24 tat-Trattat. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli li jassisti lill-Presidenza jista' jinnegozja tali arranġamenti fisimha.
2. L-istat jew l-istituzzjoni ta' l-UE li jkunu ssekondaw membru tal-personal għandhom ikunu responsabbi għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mas-sekondar, minn jew li tikkonċerna l-membru tal-personal. L-istat jew l-istituzzjoni ta' l-UE in kwistjoni għandhom ikunu responsabbi sabiex tiġi istitwita kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna sekonda-data.
3. Il-kondizzjonijiet ta' l-impieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-personal ċivili internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn il-Kap tal-Missjoni u l-membri tal-personal.

**▼M1***Artikolu 9***Linja ta' Kmand**

1. L-EUPOL AFGHANISTAN għandu jkollha linja ta' kmand unifikasi, bħala operazzjoni ta' maniġġar tal-kriżijiet.
2. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-EUPOL AFGHANISTAN.
3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-SG/RGħ, huwa l-kmandant ta' l-operazzjoni ċivili tal-PESD flivell strateġiku u, għaldaqstant, għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jiprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.
4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tas-SG/RGħ.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq l-EUPOL AFGANISTAN flivell ta' teatru u għandu jkun direttament responsabbi lejn il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

*Artikolu 10***Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan b'mod konformi ma' l-Artikolu 25 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din l-awtorizzazzjoni għandha tħalli s-setgħat ta' l-emendament ta' l-OPLAN. Għandha tħalli wkoll is-setgħat li sussegwentement jieħu deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-objettivi u t-tmiem tal-Missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.
2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.
3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwist-jonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

**▼M1***Artikolu 11***Sigurtà**

1. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implementazzjoni xierqa u effettiva tagħhom għall-EUPOL AFGHANISTAN skond l-Artikoli 5a u 9, f'koordinazzjoni ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tal-Kunsill.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbi mis-sigurtà ta' l-operazzjoni u biex jiżgura konformità mal-ħtiġiet minimi ta' sigurtà applikabbli għall-operazzjoni, skond il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċċjal Anzjan għas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li ser jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib ma' l-Uffiċċċju tas-Sigurtà tal-Kunsill.
4. Il-Kap tal-Missjoni ser jaħtar Uffiċċiali tas-Sigurtà Distrettwali fil-postijiet provinċjali u reġjonali tal-missjoni, li, taħt l-awtorità ta' l-SMSO, sejrin ikunu responsabbi mill-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-aspetti kollha ta' sigurtà ta' l-elementi rispettivi tal-Missjoni.
5. Il-persunal ta' l-EUPOL AFGHANISTAN għandu jagħmel taħriġ obbligatorio ta' sigurtà qabel id-dħul tiegħu fil-funzjoni, f'konformità ma' l-OPLAN. Għandu jingħatalu taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.

**▼B***Artikolu 12***Parteċipazzjoni ta' Stati Terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija deċiżjonali ta' l-Unjoni Ewropea u għall-qafas istituzzjonali uniku tagħha, l-istati kandidati u Stati Terzi oħrajn jistgħu jiġi mistiedna sabiex jikkontribwixxu għall-EUPOL AFGHANISTAN fuq il-bażi li huma jsostnu l-ispejjeż sabiex jibagħtu lill-experti tal-pulizija u/jew il-persunal ċivili sekondat minnhom, inkluż is-salarji, l-allowances, il-kopertura medika, l-assigurazzjoni għal riskju għoli u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-Afgħanistan, u jikkontribwixxu għall-ispejjeż tat-tmexxija ta' l-EUPOL AFGHANISTAN skond il-każ.
2. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti.
3. L-Istati Terzi li jagħmlu kontributi lill-EUPOL AFGHANISTAN għandhom ikollhom l-istess drittijiet u obbligi ftermimi ta' l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri li jieħdu sehem fl-operazzjoni.
4. Il-KPS għandhu jieħu azzjoni xierqa fir-rigward ta' arranġamenti ta' parteċipazzjoni u għandu, jekk meħtieġ, jissottometti proposta lill-Kunsill, inkluż dwar il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni finanzjarja jew kontributi mhux finanzjarji minn Stati Terzi.
5. L-arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati Terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim skond l-Artikolu 24 tat-Trattat u arranġamenti tekniċi addizzjonali kif meħtieġ. Is-SG/RGħ li jassisti lill-Presidenza jista' jinnejgoza tali arranġamenti fisimha. Fejn l-UE u Stat Terz ikunu kkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan l-Istat Terz fl-operazzjoni jiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-UE, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom jaġġiwa fil-kuntest ta' din l-operazzjoni.

**▼B***Artikolu 13***Arranġamenti finanzjarji****▼M2**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-ispīza relatata ma' l-EUPOL AFGHANISTAN sat-30 ta' Settembru 2008 għandu jkun ta' EUR 43 600 000.
2. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-kumplament tas-sena 2008, kif ukoll għas-snin 2009 u 2010 għall-EUPOL AFGHANISTAN għandu jkun deċiż mill-Kunsill.

**▼B**

3. L-infiq kollu għandu jkun amministrat skond ir-regoli u l-proċeduri Komunitarji applikabbi għall-baġit ġenerali ta' l-UE, bl-eċċeżżjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprietà tal-Komunità.
4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta b'mod sħiħ lill-Kummissjoni, u jkun sorveljat minnha, dwar l-aktivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.
5. Iċ-ċittadini ta' stati terzi għandhom jitħallew iressqu offerti għal-kuntratti. Suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kap tal-Missjoni jista' jikkonkludi arranġamenti tekniċi mal-pajjiżi mexxejja tal-Kmand Reġjonali/PRT u ma' l-atturi internazzjonali skjerati fl-Afganistan rigward il-forniment ta' tagħmir, servizzi u uffiċċċi lill-Missjoni, speċjalment fejn ikun meħtieġ minħabba kondizzjonijiet ta' sigurtà.
6. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-ħtiġijiet operattivi ta' l-EUPOL AFGHANISTAN inkluża l-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tal-gruppi tagħha, u għandhom jieħdu kont ta' l-iskjerament tal-personal fil-Kmandi Reġjonali u l-PRTs.
7. L-infiq għandu jkun eliġibbli mid-data ta' l-adozzjoni ta' din l-Azzjoni Konguṇta.

*Artikolu 14***Koordinazzjoni ma' l-azzjonijiet Komunitarji**

1. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw, kull wieħed skond is-setgħat rispettivi tiegħu, konsistenza bejn l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konguṇta u l-aktivitajiet esterni tal-Komunità skond l-Artikolu 3 tat-Trattat. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.
2. Għandhom jiġu stabbiliti l-arranġamenti meħtieġa ta' koordinazzjoni fiż-żona tal-Missjoni, skond il-każ, kif ukoll fi Brussell.

*Artikolu 15***Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata**

1. Is-SG/RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lin-NATO/ISAF informazzjoni u dokumenti ta' l-UE klassifikati ġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, b'mod konformi mar-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Għandhom jitfasslu arranġamenti tekniċi lokali sabiex dan jiġi faċilitat.
2. Is-SG/RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati Terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konguṇta, skond il-każ u skond il-ħtiġijiet tal-Missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE" ġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, b'mod konformi mar-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill.
3. Is-SG/RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lin-Nazzjonijiet Unit/UNAMA, skond il-każ u skond il-ħtiġijiet operattivi tal-Missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTRICTED UE" ġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, b'mod konformi mar-regola-

**▼B**

menti ta' sigurtà tal-Kunsill. Għandhom jitfasslu arranġamenti lokali għal dan il-għan.

4. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva spċċifika u immedjata, is-SG/RGħ għandu wkoll ikun awtorizzat jirrilaxxa lill-Istat ospitanti informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, b'mod konformi mar-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Fil-każi jiet l-oħrajn kollha, tali informazzjoni u dokumenti għandhom jiġu rilaxxati lill-Istat ospitanti b'mod konformi mal-proċeduri adatti għal-livell ta' koperazzjoni ta' l-Istat ospitanti ma' l-UE.

5. Is-SG/RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lil Stati Terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konguṇta, dokumenti mhux klassifikati ta' l-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-Missjoni koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali skond l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (¹).

**▼M1***Artikolu 15a***Għassa**

Il-Kapaċità ta' l-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPOL AFGHANISTAN.

**▼B***Artikolu 16***Dħul fis-seħħ u t-tul ta' żmien**

1. Din l-Azzjoni Konguṇta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adoz-zjoni tagħha.
2. Għandha tiskadi fit-30 ta' Mejju 2010.

*Artikolu 17***Reviżjoni**

1. Din l-Azzjoni Konguṇta għandha tiġi riveduta kull sitt xhur sabiex jiġu aġġustati kif meħtieġ id-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Missjoni.
2. Din l-Azzjoni Konguṇta għandha tiġi riveduta, mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tagħha, sabiex jiġi determinat jekk il-Missjoni għandhiex titkompla.

*Artikolu 18***Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konguṇta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(¹) Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47). Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2007/4/KE, Euratom (ĠU L 1, 4.1.2007, p. 9).